MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 97/2006

**Artikoli 11, 28A, 261(b)(c), 278(2) u 334 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Artikolu 60(a)(b)(c)(k) u Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu A tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 u appuntu l-Att numru XII tas-sena 2001;**

**Artikoli 16(1)(j) u 17(a) tal-Att XVI tan-1995 dwar dazju tas-SISA;**

**Artikolu 80 tal-Att XXIII tan-1998 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud;**

**Artikolu 16(1) proviso tal-Att II tas-sena 2004 dwar il-Kap 382 Exise Duty Act**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**RAYMOND CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** ta' 47 sena, iben Anthony u Carmela nee' Farrugia, imwieled iz-Zurrieq fl-10 ta' Novembru, 1958 u residenti fil-fond numru 37, 'Evergreen', Triq il-Kwarta, Ibragg u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 751058 (M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fit-30 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tad-8.45 ta' filghaxija mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja kkommetta serq ta' apparat cellulari tal-marka 'Sinudyne – Sendo S200' ghad-dannu ta' Carmel

Cutajar mis-Siggiewi. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bil-persuna.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT talli fit-23 ta' Settembru, 2004 u/jew f'xi data qabel f'dawn il-Gzejjer, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu:

a) kwantita ta' sigaretti ta' diversi marki,

b) kwantita' ta' tabakk tal-brim tal-marka 'Drum' u 'Golden Virginia',

c) kwantita' ta' flixken tax-xorb alkaholiku ta' diversi marki,

d) zewg settijiet 'Sony' cordless telephone bases bin-numru serjali 0058195 u 0058133 rispettivament

e) 'Sony' telephone GSM bin-numru serjali 0058133 komplut bl-accessorji tieghu,

f) Air rifle 'Bisley -4x20' kalibru (.22) numru serjali 60015 u

g) Air-rifle 'Airsporter – S' kalibru (.22) numru serjali 3368.

li l-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' Lm11,539.40, u dazju ta' Lm6058.50c4, dazju tas-Sisa ta' Lm9749c5 kif ukoll Taxxa fuq il-valur Mizjud ma' gewx imhallsa u/jew kawtelati. Dan bi ksur tal-Art. 60(a)(b)(c)(k), Art. 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu (a) tal-Proviso tal-Art. 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Art. 16(1)(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa. Kif ukoll l-Art. 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. CM3 a fol. 3, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Frar, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CM1 a fol. 7, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. CM2 a fol. 18, l-istqarrija tal-imputat datata 24 ta' Setembru, 2004 immarkata bhala Dok. CM5 a fol. 19 u l-*incident report* immarkat bhala CM4 a fol. 24 tal-process.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **Paul Scicluna** u ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT esebixxa *letter to prosecute* li giet esebita bhala Dok. PS1.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **Paul Dimech** u ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana esebixxa *letter to prosecute* li giet esebita u

mmarkata bhala Dok. PD1. Esebixxa ukoll *seizure note* li giet esebita u mmarkata bhala Dok. PD2. Esebixxa formalment ukoll l-affarijiet indikati fl-istess *seizure note* liema oggetti gew esebiti bhala Dok. PD3.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **Paul Dimech** u spjega li b'referenza ghal Dok. PD2 li ghadu kif esebixxa aktar kmieni llum f'din il-kawza bhala Dok. PD2 xtaq jirrileva illi fejn hu qal li qieghed jesebixxi formalment l-oggetti kollha ndikati fl-istess *seizure note* u dana qed jigu esebiti bhala Dok PD3 xtaq jaghmel korrezzjoni fis-sens illi mhux l-oggetti kollha esebixxa formalment bhala l-oggetti illi kien hemm indikati fis-*seizure note*. Fil-fatt qal illi in kwantu ghall-*air rifle Bisley 4 by 20* numru tas-serie 60015 kalibru *point two two* u *air rifle air sportel S* numru tas-serie GP 3368 kalibru *two two* dawk m'humiex qed jigu esebiti formalment ghalkemm huma ndikati fl-istess *seizure note* ghaliex dawna ghaddew formalment lill-Pulizija u dawna qeghdin fil-pussess tal-Pulizija. Ghaldaqstant l-oggetti kollha li esebixxa llum bhala Dok. PD3 huma l-oggetti ndikati fis- *seizure note* salv dawk iz-zewg *items* li semma' u cioe' l-*air rifles*.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **Joseph Vella** fejn ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana deher bhala *Evaluation Officer*. Spjega li gew mghoddija oggetti biex ikun jista' jarahom ghall-fini ta' evalwazzjoni. Huwa prezenta kopja vera ta' dawk l-oggetti liema evalwazzjoni ghamilha hu flimkien mal-kollega tieghu Frank Tartalia. Dina d-dokumentazzjoni giet esebita u mmarkata bhala

Dok. JVP1. Id-dokumentazzjoni li esebixxa hija vera kopja tal-original.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **PS 1361 Raymond Busuttil** fejn gie muri dokument CM4 li hija okkorrenza tal-Pulizija. Ikkonferma li dik l-okkorrenza dahhalha hu. Dik l-okkorrenza kienet tirrigwarda serq ta' mobiles li kien irraporta certu Carmel Cutajar u dan r-rapport kien ghamlu Cutajar fil-31 ta' Lulju, tas-sena 2003. Pero' skond dan Cutajar il-kaz kien gara gurnata qabel.

Minn ezami ta' din l-okkorrenza jirrizulta li Carmel Cutajar nhar il-31 ta' Lulju 2003 kien irraporta gewwa l-ufficcju tal pulizija fl MIA li lejliet u cioe' nhar it-30 ta' Lulju 2003 huwa kien irritorna lura Malta minn Katanja permezz ta' titjira KM 643 u meta mar sabiex jigbor il-bagalji tieghu nduna li kaxxa li kellha xi mobile phones go fiha kienet nieqsa u kkonferma li din il-kaxxa kienet giet mghobbija f'Katanja mill-Guardia di Finanza. Ghalhekk ikkonferma wkoll li kien irrapporta dan in-nuqqas lir-rapprezentanti tal-Airmalta.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2007 xehed **PC 1367 Cedric Mifsud** fejn gie muri Dok. CM5 li hija stqarrija. Huwa gharaf l-imputat li kien prezenti fl-Awla li rrilaxxa dik l-istqarrija. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-Ligi. Ikkonferma ukoll li l-imputat irrilaxxja dik l-istqarrija b'mod volontarju. Ukoll qed jaghraf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Carmelo Magri kull fejn jidhru fuq dik l-istqarrija. U

zied jghid li l-imputat ghazel li ma jiffirmax dik l-istqarrija li hija esebita bhala Dok. CM5. Esebixxa materjalment *air rifle* Bisley 4 *by* 20 numru tas-serie 60015 kalibru *point two two* li giet esebita materjalment bhala Dok. PCM1. Esebixxa materjalment *air rifle air* sportel S numru tas-serie GP 3368 kalibru *point two two* li giet esebita materjalment bhala Dok. PCM2.

Spjega illi fit-23 ta' Settembru, tas-sena 2004 huwa flimkien ma Spettur Carmelo Magri kienu ghamlu tfittixija fil-presenza tal-imputat li qed jaghrfu prezenti fl-Awla gewwa l-garaxx sitwat fi Triq il-Kartocc, Ibragg. Minn gol-garaxx sabu kaxxi tas-sigaretti li kienu tal-marki fosthom Dunhill, Rothmans International, Benson & Hedges, Rothmans homor. Sabu wkoll tabakk tal-brim, fliexken tax-xorb u dana xorb alkoholiku fosthom JB, Vodka, Gordon Gin. Imbaghad saret tfittxija fi Triq il-Kwarta, Ibragg li hija r-residenza tal-imputat. L-imputat kien ukoll prezenti l-hin kollu maghhom. Mir-residenza tal-imputat sabu zewg settijiet *cordless telephone*. Sabu ukoll u spjega illi wiehed miz-zewg settijiet tas-Sony *cordless telephone* kien GSM. U ukoll sabu l-*air rifle* Bisley 4 by 20 kalibru *point two two* numru serjali 60015. *Air rifle air* sporter S kalibru *point two two* numru serjali 3368. Esebixxa seba' ritratti bil-kulur u dawna jirrigwardaw iz-zewg settijiet *cordless* tat-*telephone* li gew esebiti u mmarkati bhala minn Dok. PSM 3 sa Dok. PSM9. Esebixxa ukoll tlettax-il ritratt bil-kulur li gew rispettivament immarkati bhala minn Dok. PCM10 sa Dok. PCM22. Dawn ir-ritratti juru t-tfittxija li saret fil-garaxx li huwa diga' semma'.

Illi nhar it-28 ta' Jannar, 2008 xehed l- allura **spettur Carmelo Magri** u spjega li fil-31 ta' Lulju, tal-2003 certu Carmel Cutajar mis-Siggiewi kien ghamel rapport li kellu xi *mobiles* neqsin mill-MIA. Dawn il-*mobiles* kienu tal-marka Sendo u jispjega li kienu serqulu ghoxrin li l-mudell taghhom kien S200 u l-valur taghhom kien erbgha mija u erbghin (Lm440). Sussegwentement billi huwa kien ta' l-ghassa dakinhar, kien talab lill-Magistrat tal-ghassa biex jawtorizzah jaghmel tfittxija mal-provedituri tal-Go Mobile u Vodafone biex jara fejn, jekk dawk il-*mobiles* gewx attivati. Sussegwentement kien ircieva risposta li dawk kienu gew attivati minn diversi persuni. Huwa baghat ghal dawk in-nies u kollha u lkoll qalulu li kienu xtrawhom minghand certu Joseph Camilleri li joqghod Birzebbugia. Huwa kien baghat ghal dan Joseph Camilleri u kellmu. Hu kien qallu li vera kien bieghhomlhom hu u ovvjament kien hadu l-Qorti u akkuzah bir-ricetazzjoni ta' dawk l-affarijiet.

Joseph Camilleri ukoll kien qallu li kien xtrahom minghand l-imputat. Hass il-bzonn li jerga' jkellem lill-Magistrat li kien awtorizzah jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputat li qeghda 'Evergreen', Triq il-Kwart, Ibragg u wara li saret it-tfittxija f'dak il-post kien hadhom fil-garaxx tieghu li qieghed Triq il-Kartocc, Ibragg xi zewg kantunieri 'l boghod. Huwa eleva minn hemmhekk kwantita' ta' sigaretti ta' diversi marki, tabakk, drum Gordon Virginia, kwantita' tal-fliexken tax-xorb alkoholiku ta' diversi marki u mid-dar tieghu kien sablu zewg settijiet *cordless* tal-ghamla Sony. Wiehed

minnhom kien bl-apparat, bit-*telephone* ukoll GSM u sablu zewg *air rifles*, wiehed jismu Bisley u l-ohra Air Sporter li dawn l-affarijiet kollha kienu minghajr ma kienu kawtelati b'dazju u l-VAT fuqhom. Meta tkellem mal-imputat rigward dan kollu huwa kien stqarr mieghu li kien xtrahom.

Ir-*rifles* kien ilhom zmien ghandu rigward il-cordless kien qal li kien gabhom minn barra u ma kienx jaf li kellu jhallas id-dazju u *fees* ohra rigward il-*wireless*. Pero' innega li qatt importa dawn l-affarijiet hu llegalment. Ftakar ukoll li kien qallu li x-xorb gieli kien ikun igibu minn barra hu u gieli xtara hu minn hawn Malta. Meta staqsih minghand min kien xtrahom dejjem kien jghidlu ma kienx gharaf min kien bieghhomlu.

Staqsih jekk kienx ibiegh minnhom ukoll u kien deherlu li kien qallu li kien biegh minnhom ukoll. Ovvjament ghalkemm hu kellu din il-qabda kollha, u dak illi kien qallu l-imputat dwar dawk l-affarijiet kollha, huwa xorta hass il-bzonn idahhal tad-Dwana u huma kkonfermawlu li verament dak ix-xorb, dawk is-sigaretti u dawk l-oggetti ma kienx hemm dazju fuqhom u li ma kienux thallsu l-ebda *fees* fuqhom anqas. U fil-fatt kienu talbu li hu ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana, ghan-nom tad-Direttur tal-VAT, iressaq lill-imputat u jixlih b'dawk l-akkuzi. Ovvjament huwa resqu bis-serq tal-*mobiles* ukoll stante kien irrizultalu li l-provenjenza taghhom kienet gejja minnghand l-iimputat , Stqarr li l-imputat ukoll ghandu

acess ghall-merkanzija billi hu stess jahdem mal-Enemalta u ghandu access ghall-bejgh fejn jidhlu dawk il-merkanzija. Muri d- Dok. CM 5 a fol. 19 li hija l-istqarrija ta' l-imputat li qed jaghraf fl-Awla. Fil-prezenza taghhom kien hemm PC 1367 Cedric Mifsud.

Dik l-istqarrija nghatat wara li l-imputat inghata d-debita twissija u li seta' ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li ser jaghmlulu. Gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' Cedric Mifsud il-kuntistabbli li kien hemm mieghu fuq il-hames pagni ta' dik l-istqarrija l-imputat Raymond Camilleri ghalkemm wiegeb diversi mistoqsijiet, ghazel li ma jiffirmax.

Ikkonferma li dik ix-xhieda nghatat b'mod volontarju. Li xtaq izid huwa li barra dawk l-oggetti kollha li semma', kien hemm diversi oggetti ohra li nstabu bhal per ezempju bhal *lingerie* u brieret. Kien hemm volum kbir u billi kellu suspett li dawk setghu gew bil-mod kif gew il-*mobiles* huwa kien hadhom fl-ufficcju pero' meta ccekjaw imbaghad u gablu d-dokumentazzjoni relattiva ta' dawk l-oggeti u ghalhekk rega' ikkonsenjalu kollox lura.

Illi fit-28 ta' Lulju, 2008 xehed **Frank Tartalia** u spjega li huwa *Evaluation Officer* fid-Dipartiment tad-Dwana. Gie muri Dok. JVP 1 li jinsab a fol. tmienja u erbghin (48) tal-Process. Ikkonferma li dik id-dokumentazzjoni hija dokumentazzjoni ta' valuri li huma fuq dak id-dokument li hu ghamilhom mal-kollega tieghu fl-istess sezzjoni tad-

Dwana. Il-kollega tieghu jismu Joseph Vella. Dak id-dokument allura, in kwantu ghall-valuri ghandhom fuq valwazzjoni ta' sigaretti u tabakk. B'referenza ghal folio disgha u erbghin (49) tal-Process li hija fuq parti ukoll mid-Dok. JVP 1, hemm valwazzjoni ta' fuq xi xorb ta' alkolhol u xi *cordless telephones*. A fol. hamsin (50) li huwa ukoll parti minn Dok. JVP 1, hemm valutazzjoni fuq zewg (2) *firearms* li huma kienu gew mitluba biex jaghmlu valutazzjoni fuqhom.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi mid-difiza biex jispjega b'mod naqra iktar dettaljat kif issir l-evalwazzjoni ta' dak it-tip ta' differenti ta' oggetti. Il-procedura hija li l-ewwel jigu prezentati bil-kampjun illi huma jkunu jridu jaghmlu l-valwazzjoni fuqhom. Dawk il-kampjuni jigu mghoddija lilhom jew mill-*Enforcement Section* tad-Dwana jew mill-Pulizija.

Spjega illi mbaghad huma wara li jaraw il-kampjuni, jaghmlu l-*home work* taghhom fis-sens illi huma certu prezzijiet ghandhom fid-*data base* taghhom. Fuq ohrajn jaghmlu ricerka minn kotba u *magazines* specjalizzati li huma d-Dwana jixtru.

Illi fit-28 ta' Lulju, 2008 xehed **Carmel Cutajar** u spjega li huwa kien gab xoghol minn barra konsistenti f'*mobile phones* u kien gabhom bl-ajru. Id-ditta ta' dawk il-*mobile phones* kienu Sando u spjega li x'hin dik il-merkanzija waslet f'Malta, il-kaxxa kontenenti dawk il-*mobile phones* spiccat ma gietx fuq ic-cinga tal-*airport*. Dak l-

pakkett kien jikkontjeni ghoxrin (20) *mobile phone*. Spjega fil-fatt meta huwa qal il-kelma Sando, dik hija abbrevjazzjoni ghall-kelma Sinudine. Spjega illi dak l-incident sehh iktar minn tlett (3) snin ilu. Spjega illi huwa mbaghad ghamel rapport fl-MIA fis-sezzjoni tal-*lost* and *found*, li dawk infurmawh li minn naha taghhom ma sabu xejn. Huwa ukoll ghamel rapport lill-Pulizija. Huwa dak ir-rapport ghamlu l-Ghassa tal-*Airport*. Huwa prezenta lill-Pulizija ricevuta fiskali tax-xoghol li kien xtara.

Spjega li wara xi erba’ (4) xhur jew sitt (6) xhur ta’ dak l-incident, kien ikkuntatjah l-Ispettur Carmelo Magri u kien infurmah li kienu nstabu xi *mobile phones* minn dak it-tip li huwa rrapporta nieqsa. Huwa fil-fatt spjega illi dawk il-*mobile phones* kien iddentifakhom u gie mghoddi lura sitt (6) *mobiles* milli kienu naqsulu. Spjega illi dawk il-*mobile phones* li kien xtara kienu inqas minn elf (LM1,000) lira Maltin bhala prezz li xtarahom pero’ spjega ukoll li huwa cert li dak il-valur ta’ dawk il-*mobile phones* li kien xtara kienu aktar minn mitt (LM100) lira Maltin.

Illi fit-28 ta' Lulju, 2008 xehed **Joseph Camilleri** u spjega rigwardanti dan il-kaz, il-Pulizija hadet procedure kriminali kontra tieghu fil-Qorti. U fil-fatt spjega ukoll li l-kaz tieghu gie deciz b’mod definittiv. Spjega li huwa kien tressaq il-Qorti fuq ricettazzjoni ta’ *mobiles.* Spjega illi dawna l-*mobile phones* li huwa mbaghad ghadda proceduri kriminali dwarhom kien xtarahom minghand l-imputat li

gharfu prezenti fl-Awla. Spjega illi dak l-imputat hu ma jafx x'jismu. Huwa l-imputat kien jafu ghax dana kien gieli jbieghlu l-basal u l-patata. Spjega illi mbaghad kien bieghlu l-*mobiles*. Spjega illi huwa kien xtara aktar minn ghaxar (10) *mobiles* minghand l-imputat f'okkazjoni wahda u dawk kollha kienu tad-ditta Sinudine. Dawk il-*mobiles* kien xtarahom ghoxrin (LM20) lira Maltin-il wiehed.

Illi fil-21 ta' April, 2009 xehed **Paul Spiteri** u spjega li huwa qieghed hemmhekk in rapprezentanza ta' Air Malta u spjega fil-kapacita' tieghu ta' *Executive* tas-sezzjoni tal-*Human Resources* u qal li hu gie mitlub biex jaghmel verifika jekk Raymond Camilleri detentur tal-karta tal- identita' numru 751058(M) huwiex impjegat tal-Air Malta u spjega l-istess Raymond Camilleri qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla huwa mpjegat tal-Air Malta. Spjega illi l-imputat gie mpjegat mal-Air Malta fis-6 ta' April, tal-1994 u ghadu hekk sal-lum. Esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva u giet immarkata bhala Dok. PSM 1.

**Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni mis-Sinjorija tieghu l-Prim Imhallef b'digriet appozitu datat 21 ta' April, 2014**.

Illi nhar il-25 ta' April 2014 deher l-ufficjal prosekutur flimkien ma l-imputat debitament assistit quddiem din il-Qorti kif preseduta u

ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma x-xhieda gja mismugha.

Illi nhar id-19 ta' Mejju 2014 il-partijiet itrattaw il-kaz quddiem din il-Qorti u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti innotat li l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri ghalkemm kien irrilaxxja stqarrija nhar l-24 ta' Settembru 2004 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok CM5 (fol. 19). Huwa kkonferma li kien ilu jahdem mal-Airmalta ghal ghaxar snin meta gie nterrogat fis-sena 2004. Spjega illi gieli ghin sabiex jinhatt jew jghabbi ajruplan. Mistoqsi fuq l-oggetti li nstabu fil-garaxx tieghu u mistoqsi jekk kienx jaf li kienu bla dazju mhallas jghid li kien jaf u spjega li d-dazju kien gie mhallas l-Italja u jghid li x-xorb tal-litru kien nizlu huma minn Sqallija. Spjega li ghalih la jithallas id-dazju l-Italja mhemmx ghalfejn jithallas dazju hawn Malta la qeghdin fl-Unjoni Ewropeja. Izda wara gie mistoqsi jekk kienx xtara dawn l-oggetti minghand persuna ohra u qal li xtrahom minghand persuna li jisimha Joe pero' aktar dettalji dwarha ma kellux salv li allegatament isuq Vauxhall bil-kaxxa gholja. Jghid li kien xtrahom fi

tlett okkazjonijiet wahda minnhom F'Gunju 2004, u l-ohra f'Awwissu 2004 u l-ahhar wahda f'Settembru 2004. Mistoqsi jekk ghandux xi ricevuti ghal dan ix-xorb jghid li m'ghandux. Qal li kien xtara kull grossa sigaretti ghas-somma ta' ghaxar liri Maltin LM10-il grossa u biegh kull grossa ghas-somma ta' ghaxar liri u nofs Maltin (LM 10.50). Mistoqsi jekk kellux xi ricevuti tas-sigaretti li kien biegh jghid li ma kellux u lanqas isem il-klijenti tieghu ma kellu. Dwar ix-xorb jghid li ma biegh lil hadd u zammhom ghalih.

Mistoqsi dwar l-armi jghid li kien xtrah il-BSA xi hmistax il-sena qabel ma kien gie interrogat pero' minghand min xtrah ma kienx jaf u l-iehor kien xtrah minn fuq l-idejn minghand persuna ma jafhiex. Jghid li ma kienux registrati mal-kummissarju tal-pulizija. Dwar il-cordless phones jghid li kien xtrahom minn fuq il-vapur tal-Gharab u jghid li kien xtrahom xi disa' snin qabel ghal prezz ta' hamsin lira Maltin (LM50) ghat-tnejn. Mistoqsi jekk kellu licenzja ghalihom wiegeb fin-negattiv ukoll. Mistoqsi dwar il-hbula tal-Airmalta u c-cineg li hemm maghhom kif gew ghandu jghid li kien sabhom mal-imbarazz. Dwar il-hwejjeg li nstabu ghandu jghid li kien igib ix-xoghol minn barra u kien ibiegh lill-hwienet u fuq il-monti. Dwar il-hwejjeg bid-ditta Zara jghid li kien xtrahom minghand wiehed li jismu Chalile li ltaqa' mieghu hdejn il-vapur ta' l-Gharab. Mistoqsi jekk kellux xi ricevuti jghid li ma kellux. Mistoqsi jekk fil-fatt sabx din il-merca kollha fl-airport u hadha mieghu id-dar jghid li le u jichad li qatt seraq xi haga mill-Airmalta. Konfrontat mill-pulizija li kien biegh mobile phones ghal prezz ta' ghoxrin liri Maltin (LM20) u cioe'

b’referenza ghal mobile phones li nsterqu mill-Airmalta wiegeb fin-negattiv.

Ikkunsdirat ulterjorment

Il-Qorti tirrileva, kif del resto gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu 2000 fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Farrugia**, li:

*"Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reati u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant."*

Illi kif gie enuncjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Lulju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zampa et**, li:

*"Kif hu ben saput, sabiex persuna tinsab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, dubji ohra li ma jhallux lill-gudikant ikollu dak il-konvinciment morali dwar ir-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi, la naha u lanqas*

*ohra. Huwa l-akkuzat li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbli."*

Illi l-ligi taghna timponi fuq il-Prosekuzzjoni l-obbligu li tipproduci l-aqwa prova biex b'hekk il-gudikant ikun jista jasal sal-konkluzzjoni oltre d-dubju ragjonevoli [Vide **Il-Pulizija v Paul Bonello** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1986, **Il-Pulziija v Joseph Chetcuti** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1987 u **l-Pulizija v Emanuel Galea** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1988**.**]

Fil-process kriminali kemm il-Prosekuzzjoni kif wkoll l-akkuzat ghandhom mhux biss id-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu. S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattivi ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn jinkombi fuq min igib prova li dik il-prova tkun l-ahjar prova. Infatti, l-**Artikolu 634(1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.

**L-Artikolu 513(1)(a) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel applikabbli ghall-Qorti ta' Gustizzja Kriminali, **l-Artikolu 557 sa 561 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap 12**].

L-imputat gie akkuzat fl-ewwel lok bir-reat ta' serq ta' apparat cellulari tal-marka Sinudyne Sendo S 200 liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (LM1,000) minn gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja.

Illi bhala provi jirrizulta li effettivament Carmel Cutajar kien irrapporta li kellu kaxxa bil-mobile phones li kien xtara minn Sqallija li giet misruqa hawn Malta u li ghalhekk kien irrapporta l-kaz. Illi pero' dettalji dwar din is-serqa ma jirrizultax mill-atti u dan ghaliex la hemm esebit xi dettalji dwar dawn l-allegati cellular, la hemm esebit il-pro forma invoice, la r-ricevuta taghhom, la l-packing list, la deskrizzjoni bl-IMEI number taghhom, xejn minn dan. Hemm biss rapport ta' Carmel Cutajar li qal li kellu ghoxrin telefon go kaxxa allegatament tal-ghamla Sinudyne li ma waslitx hawn Malta.

Issa huwa veru li l-pulizija resqet lil Joseph Camilleri jixhed u jghid li huwa xtara minghand l-imputat ghaxar mobile phones ghal prezz ta' ghoxrin lira Maltin (LM 20) il-wiehed u li kien spicca ghadda proceduri kriminali fuqhom pero' ma jghid xejn aktar. La meta tressaq sabiex b'hekk forsi il-Qorti kienet tara l-prossimita tal-bejgh mal-allegat reat ta' serq , la x'tip ta' mobile phones kienu fis-sens dettalji dwar l-IMEI number taghhom jew mudell sabiex tipprova li l-mobile phones li xtara Joseph Camilleri minghand l-imputat kienu l-istess mobile phones li Carmel Cutajr kien qed jistenna minn Sqallija jew addirittura li l- mobile phones li huwa biegh kienu l-istess mobile phones li kien xtara minghand l-imputat. Lanqas ma

jirrizulta z-zmien ta' dan l-allegat negozju. Il-Prosekuzzjoni pprovat biss li Joseph Camilleri kien xtara ghaxar mobile phones tal-ghamla Sinudyne minghand l-imputat ghal prezz ta' ghoxrin lira Maltin-il wiehed (LM 20) pero' xejn aktar u ghalhekk abbazi ta' dawn il-provi din l-akkuza ta' serq aggravat ma tistax tirrizulta.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-A**rtikolu 334 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' qabel ma' l-Qorti sejra tidhol fl-apprezzament tax-xhieda biex tara jekk ir-reat addebitat lill-imputat giex ippruvat jew le, il-Qorti thoss li ghandha taghmel apprezzament tal-elementi tar-reat in desamina.

Illi jigi rilevat li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i. Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta';

ii. Li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tmexxi jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. Li dik il-persuna tkun **taf** bil-provenjenza illegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista jkun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-difiza hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma *xjenza*. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma *xjenza.*

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li

*"per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) jiktbu:

*"knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija Vs Carmelo sive Charles Zammit</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April 2000 fen il-Qorti irriteniet li:-

*"Dwar l-element tal-provenjenza illegali w tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi indiretti. Bhal ma dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezizti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provjenjenza illegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza illegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni ta' l-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero mic-cirkostanzi ferm dubjuzi w suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezizti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza issir refernza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija Vs Tancred Borg</u>** deciza mill-istess Qorti ta' l-Appell nhar is- 26 ta' Ottubru 1988 fejn inghad:-

*"Li wiehed ikollu suspett ta' xi irregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara Appi. Kriminali 24/06/1961 **<u>Il-Pulizija vs George Tabone</u>** deciz fl-24 ta Gunju 1961, u **<u>Il-Pulizija vs Vincent Calleja</u>** deciz fit-30 ta Novembru 1978*)."

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

**a.** **<u>Il-Pulizija v Bugelli</u>** (vol XXXI pg. 468)

**b.** **<u>Il-Pulizija v Simiana</u>** (vol XXXIII pg. 966)

**c.** **<u>Il-Pulizija v Muscat</u>** (vol XXV pg. 706)

**d.** **<u>Il-Pulizija v Degiorgio</u>** (vol XXXVII pg. 1059)

**e.** **<u>Il-Pulizija v Fenech</u>** (vol XXIX pg. 694)

**f.** **<u>Il-Pulizija v Calleja</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjn jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;
2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;
3. Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;
4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li ikun ser jixtri jew jilqa ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;
5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu illegittimament u intant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;
6. Jigi iccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova ta' l-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngiebitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist minn ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;
8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza illegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Illi fil-kaz in esami jirrizulta li nstabu diversi oggetti fil-pussess tal-imputat u cioe' mizmuma gewwa l-garaxx tieghu ta' l-Ibragg fosthom diversi bcejjec ta' hwejjeg li dwarhom il-pulizija ma elaboratx wisq, mobile phones, xorb alkoholiku, sigaretti u xi armi.

Il-Qorti temmen pero' li ai fini ta' dan ir-reat l-Prosekuzzjoni kellha f'mohhha l-mobile phones li effetivament kien biegh lil Joseph Camilleri u possibilment il-bcejjec tal-hwejjeg li nstabu gewwa l-garaxx tieghu.

Mela dwar il-bcejjec tal-hwejjeg ma jirrizultax li effettivament dawn l-oggetti kellhom xi provenjenza illegali u dan ghaliex il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova f'dan ir-rigwad fis-sens li kien hemm xi serqa u dawn l-oggetti kienu jifformaw parti minnha. Jinghad li l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn u hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubju ragonevoli. Il-fatt li l-imputat jghid li huwa xtara l-hwejjeg minn fuq l-idejn ma jfissirx li kellhom xi provenjenza illegali *sic et simplicite*. Lanqas il-fatt wahdu li ma kellux ricevuta taghhom ma hu bizzejjed. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova hi l-origini taghhom. Anke dwar il-konsistenza jew deskrizzjoni o meno ta' dawn l-oggetti l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq prova. Dwar il-*mobile phones* hawnhekk ukoll jinghad li ma hemm l-ebda rabta bejn il-mobile phones li allegatament insterqu proprjeta' ta' Carmel Cutajar u dawk li effettivament allegatament biegh l-imputat lil Joseph Camilleri. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda dettalji dwar is-serqa, u cioe' s- serial numbers tac-cellulari, l-IMEI numbers tac-cellulari, il-mudelli tac-cellulari, il-packing list jew invoice taghhom – xejn minn dan. Strahet biss fuq ir-rapport vag ta' Cutajar u cioe' li nsterqitlu kaxxa bic-cellulari mill-ajruport ta' Malta. Pero' jekk il-mobile phones li nbieghu mill-imputat kienux l-istess ma jirrizultax u ghalhekk mhux talli l-Prosekuzzjoni ma pprovatx ix-xjenza kriminuza ta' l-imputat izda lanqas ma pprovat l-provenjenza illegittima tac-cellulari li kellu l-imputat fil-pussess tieghu almenu ghal xi zmien.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli fuq talba tal-Kontollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal- VAT talli fit-23 ta' Settembru 2004 u/jew f'xi data qabel f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu numru t'oggetti kif

deskritti fl-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li l-avukat difensur ta' l-imputat sostna u cioe' li jispetta lill- Prosekuzzjoni tipprova li l-oggetti kienu gew impurtati Malta u d-dazju ma giex imhallas fuqhom.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali ghaliex, skond l-**Artikolu 77 tal-Kap 37** u cioe' l-Ordinanza tad-Dwana, il-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa' fuq l-imputat. Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:

a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;
b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati jew trasportati legalment;
c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.

u ghalhekk f'dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat. Dan il-fatt gie konfermat fis-sentenza moghtija nhar is-sittax ta' Gunju 1984 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Vella**.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 1990 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat." [vide wkoll* **<u>Il-Pulizija v J.M. Deguara</u>** *deciza mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990*].*

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v George Bellizzi</u>**, gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni <u>m'ghandhiex</u> bzonn tipprova li d-dazju fuq is-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60* [illum 37] *kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi anke fl-artikolu 82(2) tal-Att XXIII tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, insibu li l-oneru huwa spustjat fuq l-imputat li jipprova li huwa ha l-passi kollha mehtiega u necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi.

Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat dak li irrizulta mil-process li ghamel l-imputat fir-rigward ta’ din l-akkuza u jirrizulta li ma ghamel assolutament xejn. Fis-sens li l-pulizija ezekuttiva sabet numru ta’ oggetti fil-pussess tieghu jew ahjar fil-garaxx tieghu ta’ L-Ibbrag konsistenti numru kbir ta’

flixken tax-xorb, sigaretti, cidless phones, telephone u xi armi u meta gie mistoqsi sabiex jaghti spjegazzjoni dwarhom l-imputat kien evaziv hafna. Fir-rigward tax-xorb jghid li kien inizzilhom minn Sqallija hu personalment u peress li Malta kienet fl-Ewropa ma kienx hemm lok li jiddikjarhom peress li d-dazju taghhom kien gie imhallas gewwa l-Italja. Bir-rispett kollu Malta dahlet fil-Unjoni Ewopea f'Mejju 2004 u din is-sejba kbira sehhet f'Settembru 2004 u ghalhekk erba' xhur wara. L-imputat ma wera l-ebda dokumentazzjoni sabiex jipprova lil din il-Qorti kemm il-darba tela' l-Italja sabiex jiggustifika l-kwanita ta' fliexken tax-xorb u sigaretti li nstabu ghandu. Kien jispetta lilu sabiex jipprova sal-grad tal-probabbli li effettivament din il-merkanzija verament ingabet mill-Italja u li d-dazju taghha thallset hemm – haga li l-imputat naqas li jipprova. Dwar il-cordless telephones u t-telephone bl-accessorji jinghad li l-imputat stqarr li xtrahom minn fuq l-idejn hdejn il-vapur ta l-Gharab minghand persuna li ma jafhiex u ma jafx fejn jista' jintralcjaha. Ghalhekk hawn ukoll l-imputat naqas li jipprovdi li l-post minn fejn originaw. Il-Qorti thoss li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat hija wahda fjakka ghal dan ir-rigward.

Id-difiza sostniet ukoll li ma taqbilx ma l-istimi dwar il-valur tal-oggetti kif moghtija mill-*evalutation officer* gewwa d-Dwana Frank Tartalia u dan ghaliex dan l-espert fil-fatt jahdem fid-dipartiment tad-Dwana u ghalhekk mhux xhud indipendenti u ghalhekk l-istima tieghu hija wahda ex parte u mhux wahda li l-Qorti ghandha tistrieh fuqha. In effetti jghid li huwa hadem dawn l-istimi ta l-oggetti varji flimkien ma' kollega tieghu Joseph Vella.

Hawnhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza b'referenza wkoll ghad-decizjoni parzjali moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** b'analogija ghal kaz in desamina fejn intqal:

**"***Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see **Van Mechelen and Others v. The Netherlands,** judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, **Brandstetter,** judgment quoted above, p. 21, § 44, and **Emmanuello**, decision quoted above).*

*"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see **Emmanuello,** decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."*

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-persuni li hejjew dawn l-istimi ezebiti fl-atti huma l-persuni li ilhom jaghmlu dan it-tip ta’ xoghol ghal diversi snin. Jidher li d-difiza fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi ma oggezzjonat ghar-rapport taghhom u sahansitra lanqas ma jidher li ghamlet xi talba ghan-nomina ta’ espert iehor sabiex jaghmel stimi relattivi. Ghalhekk id-difiza accettat tali dokumentazzjoni bla riserva. Issa fl-andament ta’ dawn il-proceduri d-difiza lanqas ma gabet xi prova li l-esperti “*performed their duties in a way which was not impartial and objective*.” Ghalhekk tali sottomissjoni tad-difiza qed tigi rigettata.

M’hemmx dubju li dan ir-reat ahhari jirrizulta pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali ta l-imputat ezebita fl-atti a fol. 83 et seq immarkata bhala Dok CM2 u minn ezami tal-istess jirrizulta li ghandu erbgha *convictions* registrati fuqha konistenti tnejn minnhom ghal kontravenzjonijiet li jirrisalu ghas-snin 1992 u 1993 fejn gie ikkundannat ihallas ammenda u nghata *unconditional discharge*, reat registrat fis-sena 1989 fejn instab hati talli ikkaguna ferita gravi fuq terza persuna u reat iehor ta’ ricettazzjoni fis-sena 1994 fejn ma nghatax piena gheliex kien irritorna l-oggetti li kien irricetta qabel ma kienu bdew il-proceduri kriminali.

Rat ukoll li l-imputat kien gie investigat in konnessjoni ma' dawn ir-reati fis-sena 2004 u cioe' ghaxar snin ilu u tressaq il-Qorti fis-sena 2006 u ma jidhirx li minn dak iz-zmien 'l hawn kiser diffrejh mal-ligi.

Rat li ma giex akkuzat bir-recidiva u ghalhekk il-piena ghandha tkun aktar lejn il-minimum taghha.

Jidher li l-artikolu dwar il-piena applikabbli ghal kaz u cioe' l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 gie emendat diversi drabi u ghalhekk il-Qorti trid tara liema hija l-ligi l-aktar favorevoli ghalih meta tigi biex tapplika l-piena.

F'dan il-kaz jirizulta li d-dazju li kellu jithallas skond id-dokument PD 1 esebit fl-atti a fol. 32 jammonta ghal (LM6,058.50,40 dazju, LM 9,749.545 dazju tas-SISA u flimkien jammontaw ghal Lm15,808.049 ekwivalenti ghal €36,822.849. Jinghad li l-ammont tal-VAT kif indikat fid-Dok PD1 u cioe' Lm 5301.343 mhuwiex qed jittiehed bhala parti mid-dazju dovut mill-imputat. Illi din il-Qorti trid tapplika l-Ligi l-aktar favorabbli lill-imputat meta tigi biex terroga l-piena u fil-fatt skont l-Att XII ta' 2001 dwar l-Ordinanza tal-Kapitolu 37 u appuntu l-Artikolu 62 li jitkellem dwar reati u pieni, din il-Qorti f'kaz ta' htija trid tikkundanna d-doppju tal-valur tal-oggetti flimkien mal-ammont tad-dazju li jkollu jithallas fuq l-oggetti jew multa ta' hamsa u ghoxrin Lira skont liema minnhom tkun l-akbar. Jigifieri ghalhekk illi l-Qorti trid tikkundanna lill-imputat ihallas id-doppju tal-valur kif indikat fid-Dok. PD 1 u cioe' l-ammont ta' LM 23,070.80 ekwivalenti ghal €53,759.142 u oltre dan irid jithallas id-dazju kif fuq indikat fl-

ammont ta’ €36,822.849. Ghalhekk b’kollox l-ammont huwa ta’ €90,581.991. Din il-Qorti mhijiex se tiddikjara t-terz minn din il-multa u cioe’ l-ammont ta’ € 30,193.997 bhala dejn civili dovuta lid-Dipartiment tad-Dwana stante li l-Prosekuzzjoni m’ghamlet l-ebda talba f’dan ir-rigward u skont l-Artikolu 62 l-ahhar paragrafu, tali talba trid issir mill-Prosekuzzjoni.

Oltre dan ai fini tal-proviso A tal-istess ligi fuq citata l-Qorti trid tikkundanna lill-imputat piena karcerarja li m’ghandhiex teccedi s-sentejn pero’ dan il-proviso huwa tassattiv fuq il-Qorti biss jekk l-oggetti ndikati mill-Prosekuzzjoni fejn fuqhom ma thallsitx id-dazju huma l-istess oggetti kif deskritti fl-ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza Kapitolu 37. Minn ezami tal-lista annessa mad-Dokument PD 1 jirrizulta li l-oggetti in kwistjoni huma tabakk, spirti u armi tan-nar fost affarijiet ohra. Illi pero’ l-ligi ma teskludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat ukoll il-Kapitolu 382 maghrufa bhala l-Exise Duty Act u appuntu l-Att 211 tas-sena 2004 meta’ l-massimu ta’ multa li l-Qorti setghet timponi kienet fl-ammont ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Illum pero’ l-massimu skont l-Att XXII tas-sena 2011 il-multa massima hija ta’ €25,000.

**Il-Qorti**, wara li rat l-Artikoli tal-ligi partikolarment l-Artikoli 261(b)(c), 278(2) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k) u

l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu A tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 u appuntu l-Att numru XII tas-sena 2001 u l-Artikoli 16(1)(j) u 17(a) tal-Att XVI tan-1995 dwar dazju tas-SISA u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII tan-1998 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikolu 16(1) proviso tal-Att II tas-sena 2004 dwar il-Kapitolu 382 Exise Duty Act tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza ta’ serq izda hati tal-akkuza tar-ricettazzjoni u ta’ l-akkuza dwar in-nuqqas ta’ hlas ta’ dazju fuq l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu u tiddeciedi li tikkundannah ihallas multa ta’ €90581.991 bhala evazjoni tat-taxxa oltre s-somma ta’ hames mitt ewro (€500) skont il-Kapitolu 382. Oltre dan tikkundannah piena kalcerarja ta’ tliet xhur sospizi ghal tmintax-il xahar skont l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti f’dawn l-atti kemm materjalment kif ukoll formalment.

Il-Qorti tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti biex jiehu hsieb il-gbir tal-multa u f’kaz li l-multa ma tithallasx din ghandha tigi konvertita f’piena ta’ prigunerija addizzjonali ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------